MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1143/2003

**Maria Concetta sive Connie Coleiro et**
**Vs**
**Registratur tal-Qrati et**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Maria Concetta, Francis Coleiro u Godwin Vella li permezz tieghu ppremettew u talbu:
Illi fit-13 ta' Gunju, 2003, din l-Onorabbli Qorti ddecidiet il-kawza fl-ismijiet "Maria Concetta sive Connie Coleiro mart Francis kemm bhala mandatarja tal-assenti huha Godwin Vella kif ukoll f'isimha propju bhala konsenjatarja ghall-fini tal-mandat ta' qbid numru 4876/96, u ghall-kull interess li jista' jkollu zewgha Francis Coleiro u b'nota fil-verbal tad-9 ta' Mejju, 1997, Godwin Vella assuma l-atti f'ismu propju stante li ma ghadux imsiefer u Maria Concetta sive Connie Coleiro baqghet biss fil-kawza bhala konsenjatarja. Vs. Marion Vella, mart Godwin".

Illi l-esponenti b'ittra bonarja datata 11 t'Awwissu, 2003 (Dok. A) gew interpellati li jhallsu s-somma ta' LM1027 dritt tar-Registru tal-Qorti fl-istess kawza.

Illi wara li ircevew dan il-kont, l-eponenti permezz tal-legali taghhom ottjenew taxxa ufficjali (Dok. B) li minnha irrizulta car li gie intaxxat dritt tar-registru w tal-Avukati w prokuraturi legali ezorbitanti w li mhux relatat mal-ewwel tlitt talbiet li kellhom jigu ntaxxata biss bhala punt ta-dritt u li partikolarment ghal dak li jirriwarda d-dritt intaxxat ghar-raba' talba, dana ma seta' qatt jigi ntaxxat mid-Deputat Registratur qabel ma jottjeni dikjarazzjoni tal-valur li maghha jkunu jaqblu z-zewg partijiet (u dana stante li peress li l-Qorti cahdet din it-talba, ma gie likwidat ebda ammont fis-sentenza).

Illi l-esponenti, l-legali taghhom u l-avukat tal-konvenuta, qablu dwar dan u saru rapprezentazzjonijiet mall-Assistant Direttur Dr. Zammit kif ukoll mas-Sur Portelli u tal-ewwel indikalhom jaghmlu dikjarazzjoni kongunta tal-valur ghall-fini tal-intaxxar tar-raba' talba, biex b'hekk it-taxxa tkun tista' tigi riveduta w ridotta sostanzjalment.

Illi ghalkemm saret din id-dikjarazzjoni tal-valur mid-difensuri tal-partijiet, (Dok. C) l-ufficjali tal-Qorti koncernati rrifjutaw li jonoraw il-proposta taghhom stess u li jirevedu it-taxxa.

Illi hu ovvju li l-izball li ttiehed mid-Deputat Registratur li ntaxxa l-kawza kien jikkonsisti fil-fatt li r-raba' talba giet intaxxata ghab-bazi tal-valur **dikjarat mill-konvenuta** f'mandat ta' qbid kawtelatorju taghha fi kawza ohra li m'ghandha x'taqsam xejn ma din in meritu, li ghal kontenut tieghu l-atturi f'din il-kawza w rikorrenti odjerni ma jistghu jkunu qatt responsabbli u li f'kull kaz liema mandat ma kienx mertu tal-kawza odjerna. Diversament kien ikun il-kaz kieku l-atturi kienu pprezentaw HUMA STESS xi mandat kawtelatorju li fih ikunu ddikjaraw xi valur tal-pretensjoni taghhom ghax, f'dak il-kaz, huwa risaput li l-Qorti tista' tuza il-valur dikjarat f'tali mandat kawtelatorju biex tintaxxa d-drittijiet dovuti, anki fejn umbaghad it-talba kontenuta fic-citazjoni tkun ghall-hlas

ta’ somma “da liquidarsi” u ma jigi likwidat ebda ammont fis-sentenza.

F’din il-kawza kellu jissemma il-mandat ta’ qbid numru 4876/96 li harget il-konvenuta, kemm fil-premessi tac-citazzjoni kif ukoll fl-ewwel talba **biss** biex jigi muri w gustifikat l-interess guridiku tal-esponenti Maria Concetta sive Connie Coleiro proprio u okkorrendo ta’ zewgha Francis Coleiro, stante li hi bhala konsenjatarja tal-istess mandat kellha mhux biss id-dritt imma addirittura l-obbligu li tesigi li l-oggetti elevati li kienu jiffurmaw parti biss mill-oggetti li ttiehdu abuzivament mill-konvenuta, jigu ritornati taht il-kustodja taghha u MHUX ghax hi kienet harget il-mandat hi jew ghax kienet qed tabbraccja w taghmel taghha l-kontenut tieghu (inkluz il-valur hemm fih dikjarat).

B’danna kollu bi zball manifest, ghalkemm il-valur imsemmi mill-konvenuta f’dak il-mandat ma sarx biex jikkawtela xi pretensjoni f’din il-kawza, xorta wahda ttiehed mid-Deputat Registratur li intaxxa l-kawza u issa mill-intimat Registratur tal-Qrati u Direttur Generali tal-Qrati bhala bazi biex fuq il-valur hemm fih dikjarat tigi ntaxxata r-raba’ talba.

Illi l-pozizzjoni korretta kienet tkun biss li –fl-assenza ta’ dikjarazzjoni ta’ ammont likwidata mill-Qorti skond ir-raba’ talba, li d-Deptat Registratur **– KIF ISIR DEJJEM – MA JINTAXXAX QABEL MA JKOLLU DIKJARAZZJONI TAL-VALUR MILL-PARTIJIET.**

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghogobha ghar-ragunijiet kollha fuq premessi:-

1. tiddikjara nulla, irritwali w inattendibbli t-taxxa rilaxxjata mill-intimat Registratur tal-Qrati u d-Direttur Generali tal-Qrati fil-kawza fuq imsemmija Citaz. 3529/96 GC fl-ismijiet “Maria Concetta sive Connie Coleiro mart Francis pro et noe. et vs. Marion Vella”, u
2. tordna lill-istess intimat Registratur tal-Qrati u d-Direttur Generali tal-Qrati biex jaghmel u johrog taxxa gdida, fejn l-ewwel tlitt talbiet jigu ntaxxati bhala punt ta-

dritt u fejn ir-raba' talba tigi intaxxata ghab-bazi tal-valur dikjarat mill-partijiet ta' hamest elef lira Maltin (LM5000) fin-nota konguntiva tal-20 t'Ottubru, 2003, u li giet ricevuta mic-Civil Courts Directorate l-ghada 21 t'Ottubru, 2003 (Dok. C).
3. Bl-ispejjez kontra l-intimat Registratur tal-Qrati u Direttur Generali tal-Qrati.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qorti fejn esponew illi:

Ir-rikorrenti jippretendu li t-taxxa setghet kienet "riveduta w ridotta sostanzjalment tramite rapprezentazzjonijiet ma' l-esponenti. Pero' l-mod ta' kontestazzjoni huwa bil-procedura odjerna skond l-artikolu 64 tal-Kap. 12.

Illi r-raba' talba giet intaxxata a bazi tal-valur indikat fl-atti processwali, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni fl-istess atti sad-data tas-sentenza, skond il-proviso tal-paragrafu 3(1) tat-Tariffa A ta' Skeda A tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;
Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qed jitolbu ritassazzjoni ta' kawza fl-ismijiet *Maria Concetta nomine et vs Marion Vella, mart Godwin [Citazzjoni 3529/96]* deciza fit-13 ta' Gunju 2003 u li in segwitu hareg taxxa ufficjali fejn id-dritt tar-Registratur tal-Qorti gie ntaxxat fis-somma ta' LM1,027 [Dok.B].

Illi l-ilment tar-rikorrenti jikkonsisti filli d-dritt tar-registru u dak tal-Avukati u Prokuraturi Legali huwa ezorbitanti u mhux relatat mal-ewwel tlett talbiet li kellhom jigu intaxxati biss bhala punt tad-dritt, u inoltre d-dritt tar-raba talba ma setghax jigi intaxxat mid-Deputat Registratur qabel ma jottjeni dikjarazzjoni tal-valur li maghha jkunu jaqblu l-partijiet, gjaladarba din it-talba kienet giet michuda mill-Qorti.

Illi minn naha tieghu r-Registratur tal-Qorti qed isostni u jikkontendi li gjaladarba sad-data tas-sentenza ma kienx hemm dikjarazzjoni tal-valur maghmula mill-partijiet, allura huwa intaxxa a bazi "tal-valur indikat fl-atti processwali" skond il-proviso tal-paragrafu 3[1] tat-Tariffa A ta' Skeda A tal-kap.12.

Illi ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern, jigi osservat li l-kawza li ghaliha tirriferi t-taxxa kontestata hija kawza ta' spoll. L-ewwel tlett talbiet huma diretti sabiex l-atturi jottjeni dikjarazzjoni ta' spoll, reintegrazzjoni fil-pussess tal-oggetti meritu ta' dik il-kawza u awtorizzazzjoni ghal dan l-iskop da parti attrici; filwaqt li r-raba talba hija talba ghad-danni fil-kaz li ma tkunx possibbli r-ripresa tal-pussess tal-oggetti.

Illi r-raba talba ma kienitx giet milqugha u ghalhekk il-likwidazzjoni tad-danni ma saritx.

Illi jidher li l-ilment tar-rikorrenti jikkoncerna principalment l-intaxxar da parti tad-Deputat Registratur ta' din it-talba. In propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm fir-risposta tieghu r-Registratur sostna li huwa mexa mad-dettami tal-ligi fuq citata, <u>huwa ma ta ebda spjegazzjoni jew dettalji tal-komputazzjoni maghumula minnu</u> li wasslu ghall-ammont ta' Lm1,027; u huma r-rikorrenti li spjegaw li dana strah fuq dikjarazzjoni maghmula mill-konvenuta f' att gudizzjarju li ma kienx jifforma parti minn dawk il-proceduri, u senjatament il-Mandat ta' Qbid numru 4876/96.

Illi jirrizulta pacifiku li l-kawza kienet giet deciza fit-13 ta' Gunju 2003. Fil-11 ta' Awissu 2003 r-rikorrenti gew interpellati permezz ta' ittra [Dok.A] sabiex jhallsu d-dritt tar-registru fuq indikat. Fil-21 ta' Ottubru 2003 ir-Registratur irceva dikjarazzjoni kongunta [Dok.C] mill-Avukati Dottoressa Veronica Galea Debono u Dottor Emy Bezzina, permezz ta' liema dawna, wara li talbu revizjoni tat-taxxa, iddikjaraw li jaqblu li l-valur tal-oggetti mertu tal-kawza tal-ispoll huwa ta' Lm5000. Sussegwentement, fid-

29 ta’ Ottubru 2003 giet rilaxxjata taxxa fuq talba tar-rikorrenti.

Illi bazikament ir-rikorrenti qedin isostnu li, gjaldarba l-valur tal-oggetti ma kienx determinabbli, allura r-Registratur ma setghax johrog taxxa qabel ma jircevi dikjarazzjoni tal-valur mill-partijiet. Ir-Registratur minn naha tieghu jsostni li, fin-nuqqas ta’ tali dikjarazzjoni sad-data tas-sentenza, huwa kellu jipprova jasal ghal valur mill-atti processwali.

Illi l-Qorti tosserva li t-Tariffa fuq indikata u precisament l-paragrafu 3[1] jelenka r-rati ghall-finijiet tal-komputazzjoni tad-dritt tar-registru fil-kaz ta’ procedura kontenzjusa meta l-valur jkun determinat jew *‘may be determined according to law or from the act itself’*; u fil-proviso jistipula li dawn id-drittijiet *‘shall be inclusive of any declaration, which may be necessary, and of any decree given in a cause up to final judgement’*.

Fil-meritu, jigi rilevat li minn ezami tal-atti processwali li ghamlet din il-Qorti tal-kawza fuq indikata, jirrizulta li mkien ma hemm indikat f’ dawk l-atti l-valur tal-oggetti mertu tal-kawza, jew xi valur li seta’ jwassal validament u legalment ghal-intaxxar tar-raba talba. Il-mandat ta’ qbid indikat fl-att tac-citazzjoni ma kienx esebit, la l-original tieghu u lanqas kopja ufficjali. Kull ma hemm esebit f’ dan ir-rigward hija kopja tar-riferta tal-Marixxall fejn hemm elenkati l-oggetti maqbuda, izda minn imkien ma jirrizulta valur; u, fuq l-istregwa tal-massima, *quod non est in actos non est in mundo,* id-Deputat li kkomputa t-taxxa ma setghax jfittex dikjarazzjoni ta’ valur maghmula fi proceduri ohrajn estranei ghal dawk odjerni, liema proceduri ma kienu gew allegati ma’ dawk l-atti u li ghalhekk ma kienux soggetti ghall-iskrutinju tal-Qorti u tal-partijiet kollha fil-kawza. Il-ligi stess fl-imsemmi paragrafu tistabilixxi li l-valur ghandu jirrizulta mill-att innifsu [fit-test ingliz: *from the act itself]*.

Illi in bazi ghall-premess, t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u tiddikjara nulla t-taxxa ufficjali rilaxxjata fil-kawza fl-ismijiet premessi [Citazzjoni 3529/96GC], u tordna lill-intimati Registratur tal-Qrati u Direttur Generali tal-Qrati biex johorgu taxxa gdida kif indikat mir-rikorrenti fit-tieni talba taghhom. Bl-ispejjez a kariku ta' dawn l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------